# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2011/543/PESK

**tal-15 ta' Settembru 2011**

**li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/137/PESK tat-28 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

Fid-dawl tal-iżviluppi fil-Libja, il-lista ta' persuni u entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness IV tad-Deċiżjoni 2011/137/PESK għandha tiġi emendata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-entrata għall-entità mniżżla fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandha titħassar mil-lista li tinsab fl-Anness IV tad-Deċiżjoni 2011/137/PESK.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Settembru 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. DOWGIELEWICZ

[1] ĠU L 58, 3.3.2011, p. 53.

*ANNESS*

**ENTITÀ MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1**

42. Afriqiyah Airways